**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021**

**Rikors nru: 120/2021 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 18 ta' Marzu 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat ;**

1. Illi l-partijiet zzewgu f' Malta fl-1 ta' Lulju 2006 skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg PR 1063/2006 (Dok. A) u minn daz-zwieg ma kellhomx tfal.
2. Illi huwa sseparaw permezz ta' kutatt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood tal-4 ta' Ottubru 2016.

3. Illi huma ilhom separati de jure u de facto minn dak iz-zmien u ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni.
4. Illi t-tnejn li huma finanzjarjament indipendenti u ma hemm ebda kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment.
5. Illi z-zwieg thassar irrevokabilment u ma hemm ebda possibblita' ta' rikonciljazzjoni.

**Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti hawn esposti, il-partijiet, umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti sabiex ;**

1. Tawtorizza u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |